Il-bilanċ ta' l-għeluq għall-ordnijiet ta' rkupru (18,52 miljun euro) jirrappreżenta l-valur ta' l-ordnijiet għar-rkupru maħruġa imma li baqgħu ma tħallsux sa l-aħħar tas-sena. Matul l-2005 l-fajls magħluqa ta' ordnijiet għar-rkupru ammontaw għal 60,56 miljun euro. Minn dan it-total, ammont ta' 3,49 miljun euro tħassar mill-Uffiċjal Awtorizzanti matul is-sena u ammont ta' 8,57 miljun euro ġie rkuprat mill-Uffiċjal Awtorizzanti permezz ta' l-ibbilanċjar, skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 46 tar-Regolament Finanzjarju tad-9 EDF.

## (3) - Provviżjoni għal debiti dubjużi

F'konformità ma' l-IPSAS 19, l-uffiċjal tal-kontabilità stabbilixxa dispożizzjoni għad-debiti dubjużi bbażata fuq żewġ fatturi varjabbli:

- Kemm għadda żmien minn fuq id-dejn, b'applikazzjoni ta' provvista ta' 20% tal-valur ta' l-euro għal kull sena li d-dejn ikun ilu pendenti

- Il-valutazzjoni tar-riskju ta' nuqqas ta' rkupru, f'kollaborazzjoni ma' l-Uffiċjal Awtorizzanti.

It-telf potenzjali mir-rata ta' l-iskambju (fuq Ordnijiet għar-rkupru li ma jinħarġux f'euro) m'għandux jitqies f'dan il-kalkolu, għaliex dan it-telf mhuwiex ikkunsidrat bħala wieħed sostanzjali.

Id-dettalji ta' din id-dispożizzjoni jidhru fit-tabella 3:

tabella 3 miljuni ta' euro

Provvizjoni għal debiti dubjużi	Is-6 EDF	Is-7 EDF	It-8 EDF	Id-9 EDF	TOTAL
bilanċ fil-31/12/05	3,49	2,69	0,19	-	6,37
bilanċ fl-01/01/2005	0,01	0,01	-	-	0,02
żieda	3,48	2,68	0,19	-	6,36

#### (4) Prefinanzjament Nett

Sas-sena finanzjarja 2004, il-ħlasijiet fuq il-kont u l-avvanzi kienu ttrattati bħala nefqa fuq porġetti fil-kontijiet annwali ta' l-EDF (ħlief għal dawk l-avvanzi ta' boroż ta' studju u lil korpi bħal mhuma l-GTZ, l-AGRER u l-AEC). Skond il-prinċipji ta' kontabilità bbażata fuq id-dovuti, il-pagamenti bil-quddiem issa huma kklassifikati bħala assi. Iċ-ċifri għall-Prefinanzjament kurrenti ngħataw mill-Uffiċjal Awtorizzanti (ara t-tabella 4.1) u ġew riveduti 'l isfel mill-irkupru kurrenti li jirrigwarda l-avvanzi u miċ-ċifri kkalkulati għall-fatturi li jrid jintbagħatu, kif jidher fit-tabella 4.

tabella 4 miljuni ta' euro

prefinanzjament nett	noti	Is-6 EDF	Is-7 EDF	It-8 EDF	Id-9 EDF	TOTAL 31/12/2005	TOTAL 01.01.2005
Boroż ta' studju		1,49	-	-	-	1,49	2,41
AEC		0,44	-	-	-	0,44	0,56
GTZ		- 0,00	-	-	-	- 0,00	1,24
Aġġustamenti		0,03	-	-	-	0,03	0,03
Prefinanzjament	4.1	47,67	307,68	1.063,75	1.023,80	2.442,90	1.998,49
Rkupri kurrenti	2.3	10,24	4,76	2,78	0,74	18,52	17,74
-ordnijiet għall-irkupru li jridu joħorġu	2.5	2,38	15,38	53,19	51,19	122,15	99,92
<b>TOTAL</b>		<b>37,01</b>	<b>287,54</b>	<b>1.007,78</b>	<b>971,88</b>	<b>2.304,20</b>	<b>1.885,06</b>

#### (4.1) Prefinanzjament

Ħafna mill-kuntratti jipprovdu għall-pagamenti ta' l-avvanzi qabel ma jibdew isiru x-xogħlijiet, il-konsenji jew il-forniment tas-servizzi. Xi drabi l-iskedi tal-pagamenti tal-kuntratti jipprevedu l-ħlasijiet fuq il-kont fuq il-bażi tar-rapporti dwar il-progress. L-avvanzi, li normalment jitħallsu fil-munita tal-pajjiż jew territorju li fih ikun se jseħħ il-proġett, jinżamm separati fil-kontijiet ta' l-Uffiċjal Awtorizzanti biex ikunu jistgħu jiġu likwidati faċilment.

It-tabella ta' hawn taħt juri fil-qosor l-avvanzi pendenti (ħlief għall-programmi ta' aġġustament Strutturali u l-programm ta' appoġġ baġitarju dirett) fl-aħħar tas-sena. Il-konverżjoni għall-EUR hija skond ir-rata tal-kambju fil-31 ta' Diċembru 2005

tabella 4.1

miljuni ta'  
euro

Prefinanzjament	Is-6 EDF	Is-7 EDF	It-8 EDF	Id-9 EDF	TOTAL
<b>Total sal-31/12/05</b>	47,67	307,68	1.063,75	1.023,80	<b>2.442,90</b>
<b>Total sa l-01/01/2005</b>	51,64	282,93	1.116,43	547,49	<b>1.998,49</b>
<b>żieda</b>	<b>- 3,97</b>	24,75	<b>- 52,68</b>	476,31	<b>444,41</b>

**(5) Assi kurrenti oħra**

Dan l-ammont jinkludi l-pagamenti/l-irċevuti kollha li qed jistennew allokkazzjoni finali għall-proġetti determinati kif turi t-tabella 5.

tabella 5

miljuni ta' euro

Assi kurrenti ohra	Is-6 EDF	Id-9 EDF	Total sal-31/12/05	Total sa l-01/01/2005
nefqa pendenti	2,85	0,00	2,85	6,93
devalwazzjoni	0,00	0,00	0,00	<b>-0,09</b>
dħul qabel ir-regolarizzazzjoni	0,00	<b>-0,06</b>	<b>-0,06</b>	<b>-0,49</b>
Rkupri parzjali	0,00	0,51	0,51	0,53
<b>TOTAL</b>	<b>2,85</b>	<b>0,46</b>	<b>3,31</b>	<b>6,89</b>

**(6) Spejjeż differiti**

Din l-intestatura tirrappreżenta l-fondi totali disponibbli għall-Istat ta' l-ACP rilevanti. L-ammont li jidher fis-7 u t-8 EDF huwa fir-rigward ta' spejjeż differiti STABEX, filwaqt li l-ammont li jidher fid-9 EDF huwa fir-rigward tal-fond disponibbli li huwa l-Fond Speċjali għar-Repubblika Demokratika tal-Kongo. L-ammonti totali dovuti lill-istati konċernati (inkluż l-imgħax akkumulat għas-sena 2005 - ara n-nota 2 u t-tabella 2 ta' hawn fuq) jidhru fit-tabella 6.

tabella 6

miljuni ta' euro

skeda tal-movimenti STABEX għas-sena li ntemmet fil- 31/12/2005	Bilanċ fil- 31/12/2004	Bilanċ fil- 01/01/2005	Imgħax	Pagamenti	Bilanċ fil-31/12/05
IL-BENIN	0,05	0,05	0,00		0,05
BURKINA FASO	0,75	0,75	0,02		0,76
IL-BURUNDI	26,29	26,29	0,56	0,40	26,45
IL-KAMERUN	5,27	5,27	0,11		5,38
IL-KOMORES	0,05	0,05	0,00		0,05
DOMINICA	5,18	5,18	0,11		5,29
L-ETIJOPJA	0,88	0,88	0,02		0,90
IL-GAMBJA	0,98	0,98	0,02		1,01
GRENADA	0,32	0,32	0,01		0,33
IL-GUINEA-BISSAU	0,32	0,32	0,01		0,33
IL-KOSTA TA' L-IVORJU	42,01	42,01	0,90		42,91
IL-ĠAMAJKA	0,57	0,57	0,01		0,59
IL-MADAGASKAR	13,55	13,55	0,29		13,84
IL-MALAWI	0,89	0,89	0,02		0,91
IL-MAWRITANJA	17,39	17,39	0,37		17,76
PAPUA-NEW GUINEA	0,64	0,64	0,01		0,66
L-IRWANDA	5,62	5,62	0,12		5,74
IS-SENEGALL	9,86	9,86	0,21		10,07
SIERRA LEONE	2,99	2,99	0,06		3,05
SANTA LUĊIJA	13,41	13,41	0,29		13,69
IL-ĠEJER TA' SALAMUN	29,50	29,50	0,56	16,00	14,06
IS-SUDAN	196,92	196,92	3,93	50,00	150,85
ST VINCENT & GRENADINES	3,87	3,87	0,08		3,95
IT-TANŽANIJA	30,27	30,27	0,65		30,92
TONGA	0,08	0,08	0,00		0,09
L-UGANDA	19,73	19,73	0,42		20,15
IŻ-ŻIMBABWE	2,77	2,77	0,06		2,83
<b>TOTAL Stabex</b>	<b>430,17</b>	<b>430,17</b>	<b>8,84</b>	<b>66,40</b>	<b>372,60</b>
R D tal-KONGO	106,83	106,83	1,07	89,23	20,58
<b>TOTAL Stabex &amp; l-Kongo</b>	<b>537,00</b>	<b>537,00</b>	<b>11,82</b>	<b>155,63</b>	<b>393,19</b>

It-total ta' l-ispejjeż differiti STABEX jirrappreżenta t-total tal-fondi STABEX disponibbli u li se jkunu trasferiti għall-Istat ta' l-ACP benefiċjarju korrispondenti f'data fil-futur. Dan l-ammont total huwa fir-rigward tat-8 EDF, bl-eċċezzjoni ta' 8,63 miljun euro li huma allokatu għall-Burundi u 53,83 miljun euro li huma allokatu għas-Sudan li jaqgħu taħt is-7 EDF

Minbarra l-fondi msemmija hawn fuq, hemm fondi oħrajn ta' l-iSTABEX miżmuma minn Stati benefiċjarji ta' l-ACP. Ladarba l-Kummissjoni u l-Istat benefiċjarju (ta' l-ACP) jkunu laħqu ftehim dwar kif il-fondi ta' l-iSTABEX għandhom jintużaw, tiġi ffirmata konvenzjoni ta' trasferiment miż-żewġ naħat. F'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 211 tal-Ftehim ta' Lomé 4 (kif revedut), il-fondi huma trasferiti f'kont b'firma doppja (ta' uffiċjal tal-Kummissjoni u ta' l-Istat Benefiċjarju) li jrendi l-interessi, miftuħ f'isem l-Istat ta' l-ACP. L-uffiċjal tal-Kummissjoni jżomm l-awtorità tal-firma fuq il-kont sabiex jiżgura li l-fondi jkunu mogħtija kif ikun intenzjonat. Il-fondi huma l-propjetà ta' l-Istat ta' l-ACP u għalhekk ma jitnizzlax bħala assi fil-Kontijiet Finali ta' l-EDF. Dettalji ta' dawn il-kontijiet, madankollu, huma provduti fir-Rapport tal-Ġestjoni Finanzjarja ta' l-EDF.



## (7) Kontijiet ta' kollegament (*Liaison accounts*)

Għal raġunijiet ta' effiċjenza, għandu jkun hemm teżor wieħed għall-EDF kollha li jkun qegħdin jiġu implimentati; dan jiġġenera operazzjonijiet bejn id-diversi EDF, li jispiċċaw ibbilanċjati fil-kontijiet ta' kollegament bejn id-diversi karti ta' bilanċ.

Dettalji tal-bilanċi fil-kontijiet ta' kollegament sal-31/12/2005 jidhru fit-tabella 7.

tabella 7 miljuni ta' euro

kontijiet ta' kollegament	Is-6 EDF	Is-7 EDF	It-8 EDF	Id-9 EDF	Total sal-31/12/05	Total sa l-01/01/2005
għas-/mis-6 EDF	-	2.279,31	- 2.065,45	- 290,05	- 76,20	- 116,11
għas-/mis-7 EDF	- 2.279,31	-	-	1.582,59	- 696,71	- 1.018,11
għat-/mit-8 EDF	2.065,45		-	- 928,96	1.136,49	2.385,99
għad-/mid-9 EDF	290,05	- 1.582,59	928,96	-	- 363,58	- 1.251,77
	<b>76,20</b>	<b>696,71</b>	<b>- 1.136,49</b>	<b>363,58</b>	-	-

## (8) Kontijiet ta' sigurtà f'kontanti

Din l-intestatura turi l-bilanċ f'kontanti mill-kontijiet ta' sigurtà STABEX jiftuħa fisem id-diversi Stati benefiċjarji u l-kont ta' Fond Speċjali tar-D R tal-Kongo. Ara wkoll in-nota 6.

## (9) Kontanti & ekwivalenti

Skond l-Artikolu 129 tar-Regolament Finanzjarju tad-9 EDF it-teżor huwa ppreżentat fil-karta ta' bilanċ tad-9 EDF. Fit-Tabella 8 tidher analiżi tal-likwidità kollha fil-bank:

tabella 8 miljuni ta' euro

Kontanti & ekwivalenti	NOTI	Bilanċ fil-31/12/05	Bilanċ fl-01/01/05
Kontijiet tat-teżor	9.1	1,53	82,33
Aġenti Pagaturi ACP	9.2	47,86	42,73
Aġenti Pagaturi EUR	9.3	207,99	17,04
Kont kurrenti Stabex	9.4	12,17	19,59
Fondi kurrenti	9.5	1,00	100,20
<b>TOTAL</b>		<b>270,55</b>	<b>261,89</b>

### (9.1) Kontijiet tat-teżor

Il-kontijiet mal-banek ċentrali ta' l-Istati Membri li fihom jiġihallu l-kontribuzzjonijiet ta' l-EDF. L-Uffiċjal tal-Kontabilità jagħmel it-trasferimenti minn dawn il-kontijiet għall-Aġenti Pagaturi ta' l-EUR.

### (9.2) L-aġenti pagaturi ACP

L-ammonti fil-kontijiet bankarji li jinsabu fl-Istati ta' l-ACP użati biex isiru l-pagamenti fil-munita lokali fl-istat benefiċjarju. Ġeneralment, il-kontijiet huma f'euro, imma jistgħu jkunu wkoll f'munita ta' Stat Membru tal-Komunità.

### **(9.3) L-aġenti pagaturi EUR**

Dawn il-kontijiet jinżammu f'banek kummerċjali fl-Istati Membri (EUR 15) u fl-BEI. Il-kontijiet jinżammu f'euro u jintużaw biex jitħallsu l-pagamenti lill-benefiċjarji fl-Unjoni u mkejjen oħra. Ġeneralment, il-pagamenti jitħallsu f'euro, imma jistgħu jitħallsu wkoll f'muniti oħra. Dawn il-fondi jintużaw ukoll biex isir riforniment tal-kontijiet ta' l-aġenti pagaturi ta' l-ACP u tal-kont ta' kollegament mal-Baġit Ġenerali.

### **(9.4) Kont kurrenti STABEX**

Dan l-ammont jirrappreżenta l-bilanċ f'kontanti li jibqa' mill-kont prinċipali STABEX. Se jkun disponibbli 12,165,852 euro għat-Togo permezz ta' trasferiment għal kont ta' sigurtà, hekk kif joħorġu l-istruzzjonijiet mingħand l-Uffiċjal Awtorizzanti.

L-imgħax li jidħol minn dan il-kont huwa trasferit perjodikament għal ġol-kont prinċipali ta' l-EDF biex jintuża skond l-Artikoli 1.3 u 9 tal-Ftehim Intern.

### **(9.5) Fondi kurrenti**

Xi riforniment li kien sar qabel tmiem is-sena kien irregiſtrat biss mill-bank benefiċjarju fl-2006.

### **(10) Fondi sottoskritti – il-Kapital tal-Fond (a)**

Dan jirrappreżenta l-ammont totali riċevibbli mill-Istati Membri għall-fond EDF relevanti kif stabbilit f'kull wieħed mill-ftehimiet interni bejn l-Istati Membri u l-Istati benefiċjarji Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku kif ukoll il-Pajjiżi u t-Territorji ta' Barra mill-Ewropa.

L-allokazzjoni inizjali għad-9 EDF (kurrenti), li t-total oriġinali tiegħu kien 10.555, 15-il miljun euro, żdiedet b'ammont ta' 105 miljun euro fl-2004, li ħarġu mill-BEI skond id-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/583/KE. Din iż-żieda fl-allokazzjoni hija għall-finanzjament ta' azzjonijiet li se jitwettqu fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo.

L-Artikolu 2(20 tal-Ftehim Intern għad-9 EDF ippreskriva riżerva ta' 1.000 miljun euro. Tħallsu 250 miljun euro fl-2004 wara li ġiet adottata d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/289/KE sabiex jitwaqqaf riżors għall-ilma. Is-somma ta' 627 miljun euro aktar tħallset matul l-2005 wara l-ħruġ tad-Deċiżjonijiet Nri 6/2005 u 7/2005<sup>5</sup> tal-Kunsill tal-Ministri ACP-KE tat-22/11/2005.

### **(11) Fondi mgħajta (b)**

L-allokazzjoni inizjali li għad mhijiex riċevibbli mill-Istati Membri (UE 15).

### **(12) Kapital imsejjaħ (c)**

Dan jirrappreżenta l-ammont ta' l-allokazzjonijiet inizjali li l-Istati Membri kienu ġew mitluba biex jittrasferixxu għall-kontijiet tat-teżor skond il-proċedura ta' l-Artikolu 8 tar-Regolament Finanzjarju fejn hemm preskritt li kull sena l-Kummissjoni trid tistabbilixxi u

---

<sup>5</sup> ĠU L 48, 18/02/2006 p. 21

tikkomunika dikjarazzjoni tal-pagamenti li kellhom isiru fis-sena ta' wara u skeda ta' talbiet għall-kontribuzzjonijiet. Il-Kummissjoni trid jiġġustifika l-ammont mitlub fuq il-bażi tal-kapaċità tagħha biex tforni l-livell ta' riżorsi propost b' mod effettiv.

Il-kontribuzzjonijiet għadhom qegħdin jintalbu mit-8 EDF, bl-unika eċċezzjoni tas-somma ta' 105 miljun euro għar-Repubblika Demokratika tal-Kongo li ntabbet mid-9 Fond.

F'laqgħa straordinarja tal-Grupp ta' Ħidma ACP tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2004, l-Istati Membri unanimament iddeċidew li l-BEI għandu jittrasferixxi l-ammont ta' 100 miljun euro mit-teżor tiegħu ta' l-EDF lit-teżor ta' l-EDF tal-Kummissjoni, u b'hekk jitnaqqas l-ammont globali tal-kontribuzzjonijiet ta' l-Istati Membri. Bl-istess prinċipju, fl-2005 l-Istati Membri ddeċidew dwar it-tieni trasferiment ta' 20 miljun euro mit-teżor tal-BEI għal għand il-Kummissjoni.

Detalji ta' l-ammonti mitluba u li waslu matul is-sena 2005 jidher fit-tabella 1 (ara n-nota 1).

### (13) Riżervi kumulattivi (d)

Sas-sena finanzjarja 2004, ir-riżultati ekonomiċi ta' kull fond ma kinux jiġu inklużi fil-karta ta' bilanċ. Din il-kategorija tiġbor f'daqqa l-effetti tal-bidla fil-politika ta' kontabilità.

Ir-riżervi kumulattivi għall-2004 jinkludu l-ispiża kumulattiva u l-imgħax (ara t-tabella 9.1) sal-31/12/2004, kif jidher fit-tabella 9.

tabella 9

miljuni ta' euro

rizervi kumulattivi	noti	Is-6 EDF	Is-7 EDF	It-8 EDF	Id-9 EDF	Bilanċ fil-31/12/05
Imgħax kumulattiv fil-31/12/2004	13	37,78	400,74	72,04	9,02	519,58
- pagamenti kumulattivi fil-31/12/2003		7.282,16	9.605,10	6.339,20	277,66	23.504,12
- pagamenti 2004		30,00	244,47	1.191,91	947,56	2.413,93
aġġustamenti tad-dovuti	18	31,39	214,86	495,98	395,54	1.137,77
- provviżi	3	0,01	0,01	-	-	0,02
- spejjeż finanzjarji	21	0,09	-	-	0,27	0,37
<b>TOTAL</b>		<b>- 7.243,09</b>	<b>- 9.233,99</b>	<b>- 6.963,08</b>	<b>- 820,93</b>	<b>- 24.261,09</b>

tabella 9.1

miljuni ta' euro

imghax kumulattiv sal-31/12/2004	noti	Is-6 EDF	Is-7 EDF	It-8 EDF	Id-9 EDF	Total sal-31/12/05
Imgħax kapitalizzat	13.1	13,70	49,00	35,45	1,80	99,95
Imgħax Stabex	13.1	24,08	319,89	-	-	343,97
Interess BEI	13.1	-	3,41	-	0,12	3,53
Imgħax tal-banek Ewropej	13.1	-	22,47	-	4,45	26,92
Imgħax fuq kontribuzzjonijiet imħallsa tard	13.2	-	5,96	1,86	0,73	8,56
Dħul mill-imgħax fuq il-kontijiet tas-sigurtà Stabex	13.3	-	-	34,73	-	34,73
Dħul ta' l-imgħax fuq il-kontribuzzjoni speċjali Kongo	13.3	-	-	-	1,92	1,92
<b>TOTAL</b>		<b>37,78</b>	<b>400,74</b>	<b>72,04</b>	<b>9,02</b>	<b>519,58</b>

### (13.1) Imgħax kapitalizzat, imgħax STABEX, imgħax BEI, imgħax banek Ewropej

L-imgħax minn fuq il-kontijiet ma' l-aġenti pagaturi Ewropej (inkluż il-kont STABEX prinċipali) jista' jintuża biex jiffinanzja proġetti skond l-Artikoli 1.3 u 9 tal-Ftehim Intern.

Din l-intestatura tirrappreżenta l-ammont ta' mgħax fuq fondi depożitati li jista' jintuża għall-finanzjament ta' dawn il-proġetti. Dan l-imgħax jirriżulta f'żieda effettiva fl-approprijazzjonijiet globali tal-Fondi.

### (13.2) Imgħax fuq kontribuzzjonijiet imħallsa tard

Dan huwa mgħax dovut għall-ħlas tard tal-kontribuzzjonijiet mil-Istati Membri jew ir-rimburżar tard ta' ordnijiet għar-rimborż. Dawn il-fondi jistgħu jintużaw għall-finanzjament tal-proġetti. Dan l-imgħax jirriżulta f'żieda effettiva fl-approprijazzjonijiet globali tal-Fondi.

*(13.3) Dħul mill-imgħax, kontijiet tas-sigurtà STABEX u l-kont Speċjali tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo*

Dan jirrappreżenta d-dħul akkumulat iġġenerat mill-kontijiet tas-sigurtà STABEX u l-kont Speċjali ta-R.D tal-Kongo. Filwaqt li dan id-dħul jidher li qed iżid it-total tal-Fond, ta' min iżomm f'moħħu li kull dħul iġġenerat minn dawn il-kontijiet huwa mmirat għall-Istat benefiċjarju u għal għan speċifiku.

### (14) Riżervi oħra (e)

Din l-intestatura tinkludi r-riforniment tar-riżorsi STABEX taħt is-6 EDF, u r-riżorsi trasferiti minn EDF oħrajn.

Ir-riforniment tar-riżorsi STABEX (185,10 miljun euro) jinkludi l-kontribuzzjonijiet diretti mill-Istati ta' l-ACP (ir-riforniment tar-riżorsi) u l-ammonti li permezz tagħhom tnaqqsu l-intitolamenti għal trasferiti fuq talba ta' l-Istati ta' l-ACP. L-obbligu għar-riforniment tar-riżorsi STABEX tneħħa mid-Deċiżjoni tal-Kunsill ACP-EDF tad-19 ta' Novembru 1991.

Wara d-dħul fis-seħħ tal-Ftehim ta' Cotonou, il-fondi kollha mhux użati fl-EDF preċedenti huma trasferiti għad-9 EDF wara li jkunu saru d-diżimpenji. Ir-riżorsi trasferiti minn EDF oħrajn, ikabbru l-approprijazzjoni tal-fond reċipjenti u jnaqqas dik tal-Fond ta' l-oriġini. Il-bilanċ totali jidher fit-tabella 10 hawn taħt.

tabella 10

miljuni ta' euro

trasferimenti inter-EDF	Is-6 EDF	Is-7 EDF	It-8 EDF	Id-9 EDF	Konsolidat	Total sal-31/12/05
għar-/mir-4 EDF	144,32	-	-	-	-	144,32
għall-/mill-5 EDF	177,63	526,78	-	-	-	704,41
għas-/mis-6 EDF	-	181,76	94,00	414,30	690,05	690,05
għas-/mis-7 EDF	- 181,76	-	532,82	734,86	1.085,92	1.085,92
għat-/mit-8 EDF	- 94,00	- 532,82	-	2.230,25	1.603,43	1.603,43
għad-/mid-9 EDF	- 414,30	- 734,86	- 2.230,25	-	- 3.379,41	- 3.379,41
<b>TOTAL</b>	<b>- 368,10</b>	<b>- 559,14</b>	<b>- 1.603,43</b>	<b>3.379,41</b>	<b>-</b>	<b>848,74</b>

## (15) Kredituri

Fit-tabella 11 jidhru d-dettalji tal-bilanċ totali tal-kredituri:

tabella 11 miljuni ta' euro

Kredituri	noti	Is-6 EDF	Is-7 EDF	It-8 EDF	Id-9 EDF	Total sal-31/12/2005	Total sa l-01/01/2005
Kontribuzzjonijiet li waslu bil-quddiem	15.1	-	-	-	1,40	1,40	180,36
Kontijiet ta' kollegament mal-Baġit Ġenerali	15.2	-	-	-	119,23	119,23	-
Provvista għall-ispejjeż bankarji	15.3	-	-	-	0,02	0,02	0,05
Pagamenti Stabex pendenti	15.4	-	62,46	310,14	-	372,60	430,17
Fondi Speċjali għall-Kongo pendenti	15.5	-	-	-	20,58	20,58	106,83
Dovuti							
Pagamenti mhux finalizzati	15.6	1,17	2,67	13,42	5,54	22,81	58,68
Eliġibilità li għad trid tiġi konfermata	15.7	1,14	11,62	50,14	53,43	116,32	178,98
Spiża dovuta	15.8	36,45	133,92	547,61	507,99	1.225,97	623,42
<b>TOTAL</b>		<b>38,77</b>	<b>210,67</b>	<b>921,32</b>	<b>708,19</b>	<b>1.878,94</b>	<b>1.578,49</b>

### (15.1) Kontribuzzjonijiet li waslu bil-quddiem

Ċerti kontribuzzjonijiet tħallsu bil-quddiem mill-Istati membri, kif jidher fit-tabella 11.1:

tabella 11.1 miljuni ta' euro

	Bilanċ fil-31/12/05	Bilanċ fil-31/12/05
L-Irlanda	1,40	0,16
Ir-Renju Unit	-	180,20
<b>TOTAL</b>	<b>1,40</b>	<b>180,36</b>

### (15.2) Kont ta' kollegament mal-Baġit Ġenerali

Mill-bidu tas-sena finanzjarja 2005, il-pagamenti lill-benefiċjarji fl-Unjoni fil-valuta ta' l-euro jew f'muniti oħra jintgħamlu permezz tas-SWIFT mill-Baġit Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea. Infetaħ kont kurrenti għal dan il-għan.

### (15.3) Provvisti għall-ispejjeż bankarji

Dan l-ammont huwa magħmul minn tranżazzjonijiet relatati ma' l-ispejjeż bankarji għas-sena li ntemmetfil-31 ta' Diċembru 2005, li ġew debitati lill-kontijiet bankarji rilevanti wara tmiem is-sena.

### (15.4) Pagamenti STABEX pendenti

Dan il-bilanċ jirrappreżenta l-ammonti dovuti lill-Istati benefiċjarji ta' l-ACP fir-rigward ta' l-istrument ta' għajjnuna STABEX. It-total jirrappreżenta l-bilanċi tal-kontijiet tas-sigurtà STABEX.

### (15.5) Fondi Speċjali għar-R D tal-Kongo pendenti

Dan il-bilanċ jirrappreżenta l-ammonti disponibbli għall-Kongo skond id-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/583/KE.

### (15.6) Pagamenti mhux finalizzati

Pagamenti awtorizzati qabel il-31 ta' Diċembru 2005 imma eżegwiti mill-bank fl-2006. L-ammonti reġistrati fil-kontijiet ta' l-Uffiċjal Awtorizzanti jidhru fit-tabella 11.2.

tabella 11.2 miljuni ta' euro

pagamenti mhux finalizzati	Is-6 EDF	Is-7 EDF	It-8 EDF	Id-9 EDF	TOTAL
Total sal-31/12/05	1,17	2,67	13,42	5,54	<b>22,81</b>
Total sa l-01/01/2005	0,13	0,98	10,21	47,36	<b>58,68</b>
żieda	1,05	1,69	3,21	- 41,82	- <b>35,87</b>

### (15.7) Eliġibilità li għad trid tiġi konfermata

Fatturi li waslu qabel l-aħħar tas-sena finanzjarja 2005 imma li kienu għandhom ma ġewx analizzati fil-31.12.2005. L-ammonti reġistrati fil-kontijiet ta' l-Uffiċjal Awtorizzanti jidhru fit-tabella 11.3.

tabella 11.3 miljuni ta' euro

eligibilità li għad trid tiġi konfermata	Is-6 EDF	Is-7 EDF	It-8 EDF	Id-9 EDF	TOTAL
Total sal-31/12/05	1,14	11,62	50,14	53,43	<b>116,32</b>
Total sa l-01/01/2005	0,86	106,34	52,46	19,32	<b>178,98</b>
żieda	0,27	- 94,72	- 2,32	34,11	- <b>62,66</b>

### (15.8) Spiża dovuta

Dawn il-figuri jirriflettu l-ispiża li ntefget imma li għadha ma ġietx fatturata (pereżempju xogħol kurrenti fuq prġetti kapitali). L-ammonti kkalkulati mill-Uffiċjal Awtorizzanti jidhru fit-tabella 13.4.

tabella 11.4 miljuni ta' euro

Spiża dovuta	Is-6 EDF	Is-7 EDF	It-8 EDF	Id-9 EDF	TOTAL
Total sal-31/12/05	36,45	133,92	547,61	507,99	<b>1.225,97</b>
Total sa l-01/01/2005	19,35	- 39,25	557,78	85,54	<b>623,42</b>
żieda	17,10	173,17	- 10,17	422,45	<b>602,55</b>

### (16) Spejjeż amministrattivi

Din l-intestatura tinkludi spejjeż amministrattivi u finanzjarji ffinanzjati minn imgħax bankarju. Fit-8 u d-9 EDF tinkludi l-ispejjeż relatati mal-proċess ta' devoluzzjoni fl-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 1.3, 4 u 9 tal-Ftehim Intern. L-analiżi ta' dawn l-ispejjeż tidher fit-tabella 12.

tabella 12

miljuni ta' euro

SPEJJEŻ AMMINISTRATTIVI U FINANZJARJI	Bilanċ fl-01/01/05				Nefqa 2005				Bilanċ fil-31/12/05			
	Is-6 EDF	It-8 EDF	Id-9 EDF	TOTAL	Is-6 EDF	It-8 EDF	Id-9 EDF	TOTAL	Is-6 EDF	It-8 EDF	Id-9 EDF	TOTAL
Spejjeż finanzjarji	0,11	-	0,17	0,27	0,01	-	-	0,01	0,12	-	0,17	0,28
Interessi fuq arretrati	0,10	-	-	0,10	0,01	-	-	0,01	0,11	-	-	0,11
Rivalutazzjoni ta' l-aħħar tas-sena	4,24	-	0,11	4,34	-	-	0,10	0,10	4,24	-	0,21	4,44
Spejjeż finanzjarji relatati mal-ġestjoni tal-Boroż ta' Studju	- 0,06	-	-	- 0,06	0,07	-	-	0,07	0,01	-	-	0,01
<b>TOTAL ta' l-Spejjeż Finanzjarji</b>	<b>4,38</b>	<b>-</b>	<b>0,27</b>	<b>4,65</b>	<b>0,09</b>	<b>-</b>	<b>0,10</b>	<b>0,19</b>	<b>4,47</b>	<b>-</b>	<b>0,37</b>	<b>4,84</b>
kuntratti ta' servizzi	0,43	-	-	0,43	-	-	-	-	0,43	-	-	0,43
Spejjeż oħra	0,37	1,06	6,40	7,83	0,03	-	-	0,03	0,39	1,06	6,40	7,86
Verifika u valutazzjoni	2,59	0,81	-	3,40	-	1,38	-	1,38	2,59	2,19	-	4,78
Għajnuna teknika	-	4,79	-	4,79	-	-	-	-	-	4,79	-	4,79
Konsulenza	-	1,80	-	1,80	-	-	-	-	-	1,80	-	1,80
Spejjeż relatati ma' l-istaff	-	13,15	20,60	33,75	-	0,02	15,00	15,02	-	13,17	35,60	48,77
spejjeż infrastrutturali	-	8,00	26,28	34,28	-	-	35,50	35,50	-	8,00	61,78	69,78
Esperti individwali	-	0,30	1,03	1,33	-	0,47	2,37	2,84	-	0,77	3,40	4,17
Taħriġ	-	-	0,33	0,33	-	-	0,43	0,43	-	-	0,76	0,76
IT	-	-	0,18	0,18	-	-	0,48	0,48	-	-	0,66	0,66
<b>TOTAL ta' l-Spejjeż Amministrattivi</b>	<b>3,39</b>	<b>29,92</b>	<b>54,81</b>	<b>88,13</b>	<b>0,03</b>	<b>1,87</b>	<b>53,78</b>	<b>55,67</b>	<b>3,42</b>	<b>31,79</b>	<b>108,59</b>	<b>143,80</b>
<b>TOTAL</b>	<b>7,78</b>	<b>29,92</b>	<b>55,09</b>	<b>92,78</b>	<b>0,11</b>	<b>1,87</b>	<b>53,88</b>	<b>55,86</b>	<b>7,89</b>	<b>31,79</b>	<b>108,96</b>	<b>148,64</b>

## (17) Nefqa totali

Dawn l-ammonti jirrappreżentaw il-pagamenti totali għall-Fond(i) konċernati matul is-sena finanzjarja fuq il-bażi ta' kontabilità tal-kassa, u jinkludu l-pagamenti bil-quddiem u r-rimborżi. Il-figuri kumulattivi jidhru fir-Rapport dwar l-Eżekuzzjoni Finanzjarja mħejji mill-Uffiċjal Awtorizzanti.

## (18) Aġġustamenti tad-dovuti

Wara li seħħet il-bidla fil-politika ta' kontabilità (jiġifieri minn kontabilità bbażata fuq il-kassa għal waħda bbażata fuq id-dovuti), in-nefqa totali ġiet dikjarata mill-ġdid biex tikkonforma ma' l-istandard internazzjonali tal-kontabilità, l-IPSAS 3. L-informazzjoni kontabbli pprovduta mis-sistema kontabbli EDF ġiet aġġustata, fejn meħtieġ, sabiex toħroġ b'figuri li jkun konformi mal-prinċipji ta' kontabilità bbażata fuq id-dovuti. Informazzjoni supplimentari fir-rigward ta' elementi ta' dħul u nfiq għandhom ukoll jiġu pprovduti mill-Uffiċjal tal-Kontabilità. L-analiżi tidher fit-tabelli 13.1 (sena finanzjarja 2004) u 13.2 (sena finanzjarja 2005).

tabella 13.1

miljuni ta' euro

Aġġustamenti tad-dovuti	noti	Is-6 EDF	Is-7 EDF	It-8 EDF	Id-9 EDF	Total kumulattiva sa' l-01/01/2005
- prefinanzjament	4	51,64	282,93	1.116,43	547,49	1.998,49
- spejjeż finanzjarji	21	- 0,09	-	-	- 0,27	- 0,37
+ Pagamenti mhux finalizzati	15.1	0,13	0,98	10,21	47,36	58,68
+ Eliġibilità li għad trid tiġi konfermata	15.2	0,86	106,34	52,46	19,32	178,98
+ Spiża dovuta	15.3	19,35	- 39,25	557,78	85,54	623,42
<b>Total tad-dovuti</b>		<b>- 31,39</b>	<b>- 214,86</b>	<b>- 495,98</b>	<b>- 395,54</b>	<b>- 1.137,77</b>

tabella 13.2

miljuni ta' euro

Aġġustamenti tad-dovuti	noti	Is-6 EDF	Is-7 EDF	It-8 EDF	Id-9 EDF	Total kumulattiva sal- 31/12/2005	żieda 2005
- prefinanzjament	4	47,67	307,68	1.063,75	1.023,80	2.442,90	444,41
- spejjeż finanzjarji	21	- 0,18	-	-	- 0,37	- 0,55	- 0,19
+ Pagamenti mhux finalizzati	15.1	1,17	2,67	13,42	5,54	22,81	35,87
+ Eliġibilità li għad trid tiġi konfermata	15.2	1,14	11,62	50,14	53,43	116,32	62,66
+ Spiża dovuta	15.3	36,45	133,92	547,61	507,99	1.225,97	602,55
<b>Total tad-dovuti</b>		<b>- 9,08</b>	<b>159,47</b>	<b>- 452,58</b>	<b>- 457,21</b>	<b>- 1.078,35</b>	<b>59,42</b>

## (19) Nefqa totali fuq bażi ta' dovuti

L-infiq fuq proġetti mill-Fond għall-2005 reġa' ġie dikjarat skond l-istandards internazzjonali rilevanti tal-kontabilità. In-nefqa għal kull settur politiku se tkun ippreżentata buq bażi ta' dovuti mis-sena finanzjarja 2008 u għall-quddiem, ladarba l-kontijiet jinġarru għas-sistema l-ġdida ta' l-IT (l-ABAC).



## (20) Dħul finanzjarju

Id-dħul mill-imgħax huwa ppreżentat fil-karta ta' bilanċ tad-9 EDF. L-unika eċċezzjoni hija l-imgħax mis-sigurtà STABEX li huwa ppreżentat fit-8 EDF minħabba li dan l-istrument għall-għajnuna ma jidherx fid-9 EDF.

Id-dħul finanzjarju għas-sena jidher fit-tabella 14 hawn taħt:

tabella 14 miljuni ta' euro

imgħax li ddaħħal matul l-2005	noti	It-8 EDF	Id-9 EDF	total sal-31/12/2005
Interess BEI	13.1	-	0,23	<b>0,23</b>
Imgħax tal-banek Ewropej	13.1		13,70	<b>13,70</b>
imgħax fuq l-ordnijiet għar-rkupru	13.2	-	0,12	<b>0,12</b>
Interessi fuq kontribuzzjonijiet imħallsa tard	13.2		0,35	<b>0,35</b>
Dħul mill-imgħax fuq il-kontijiet tas-sigurtà Stabex	13.3	8,84	-	<b>8,84</b>
Dħul mill-imgħax fuq il-kontribuzzjoni speċjali għar-R D tal-Kongo	13.3	-	1,07	<b>1,07</b>
<b>Total Operattiv</b>		-	<b>0,35</b>	<b>0,35</b>
<b>Total Finanzjarju</b>		<b>8,84</b>	<b>15,12</b>	<b>23,95</b>
<b>IMGĦAX TOTALI</b>		<b>8,84</b>	<b>15,46</b>	<b>24,30</b>

## (21) Spejjeż finanzjarji

Sas-sena finanzjarja 2004, din il-kategorija ta' nfiq kienet ippreżentata bħala parti mill-ispejjeż amministrattivi. F'għieħ it-trasparenza dawn l-ispejjeż issa qegħdin jiġu ppreżentati taħt intestatura separata. Ara d-dettalji fit-tabella 12.

### 1.11. ELEMENTI TA' BARRA L-KARTA TA' BILANĊ

Il-garanziji jinżammu biex ikun żgurat il-prefinanzjament u jinħelsu meta titħallas it-talba finali għall-proġett. Skond il-kunċett tal-“Prudenza” u f’konformità mad-dispożizzjonijiet ta’ l-IPSAS 19, l-Assi Kontinġenti mhumiex kontabilizzati fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji. Qegħdin jidhru hawnhekk permezz ta’ nota fl-interessi tat-trasparenza.

L-ammont totali rreġistrat mill-Uffiċjal Awtorizanti taħt din l-intestatura jidher fit-tabelli 15 u 16.

Tabella 15 miljuni ta’  
euro

Garanziji	fuq prefinanzjament	fuq iż-żamma tal-garanziji	fuq ir-rendiment	TOTAL 01.01.2005
Is-6 EDF	2,52	0,05	0,40	2,97
Is-7 EDF	61,62	15,45	25,80	102,87
It-8 EDF	738,35	39,06	102,46	879,88
Id-9 EDF	21,38	0,71	7,57	29,66
<b>TOTAL</b>	<b>823,87</b>	<b>55,27</b>	<b>136,24</b>	<b>1.015,38</b>

Tabella 16 miljuni ta’ euro

Garanziji	fuq prefinanzjament	fuq iż-żamma tal-garanziji	fuq ir-rendiment	TOTAL 31/12/2005
Is-6 EDF	4,63	0,05	1,34	6,01
Is-7 EDF	66,34	24,47	39,49	130,30
It-8 EDF	789,17	49,36	100,36	938,89
Id-9 EDF	117,00	31,19	31,74	179,93
<b>TOTAL</b>	<b>977,14</b>	<b>105,07</b>	<b>172,93</b>	<b>1.255,13</b>

**2. RAPPORT DWAR L-EŻEKUZZJONI FINANZJARJA**

## Nota ta' introduzzjoni

### EDF preċedenti

Id-Deċiżjoni 1/2000 tal-Kunsill ACP-KE tas-27/7/2000 dwar il-miżuri ta' tranżizzjoni tistipula li parti mir-riżorsi mhux allokati ta' l-EDF preċedenti jiġu użati f'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Ftehim ta' Cotonou applikabbli b'mod antiċipat skond il-miżuri ta' tranżizzjoni.

Id-Deċiżjoni C(201)717 tal-Kummissjoni, maħsuba biex tistabilixxi l-allokkazzjonijiet għall-programmi indikattivi għall-pajjiżi ta' l-ACP fil-kuntest tal-ftehim ta' parternarjat ACP-KE, tistipula li r-riżorsi mhux allokati ta' l-EDF preċedenti jintużaw għat-tweqqif f'konformità mar-regoli u l-proċeduri ta' l-EDF rispettivi għal total massimu ta' EUR 1,200 miljun. Dan matul il-perjodu ta' qabel id-dħul fis-seħħ tal-protokoll finanzjarju tad-9 EDF.

Id-Deċiżjoni C(2001)1578 tal-Kummissjoni stabbiliet l-allokkazzjonijiet għall-programmi reġjonali u għall-kooperazzjoni intra ACP fil-qafas tal-protokoll finanzjarju tal-ftehim ta' parternarjat ACP-KE.

Id-Deċiżjoni C(2002)2567 tal-Kummissjoni min-naħa żiedet il-pakkett maħsub għall-kooperazzjoni intra ACP b'EUR 60 miljun, mir-riżervi ġenerali tas-6 u s-7 EDF u min-naħa l-oħra stipulat l-użu ta' dawn il-fondi supplementari matul il-perjodu ta' qabel id-dħul fis-seħħ tal-protokoll finanzjarju tad-9 EDF, dan f'konformità mar-regoli u l-proċeduri applikabbli għall-EDF ta' l-orijini.

Finalment, id-Deċiżjoni 3/2002 tal-Kunsill ACP-KE tat-23/12/2002 ħadet ammont ta' EUR 25 miljun mir-riżorsi mhux allokati tat-8 EDF (riżerva ġenerali) sabiex tallokahom għall-kooperazzjoni reġjonali fil-kuntest tal-ftehim ta' parternarjat ACP-KE.

Kif sar għas-sena li għaddiet, sabiex tkun żgurata t-trasparenza fil-preżentazzjoni tal-kontijiet tas-sena 2005, it-tabelli differenti ppreżentati hawn taħt idaħħlu b'mod distint f'kull EDF (is-6, is-7 u t-8 EDF) il-parti użata fuq il-bażi tal-programmazzjoni prevista fil-Konvenzjoni ta' Lomé u l-parti użata fuq il-bażi tal-programmazzjoni stipulata fil-ftehim ta' Cotonou. F'dak li jirrigwarda din ta' l-aħħar, ir-reġistrazzjoni u l-preżentazzjoni tal-kontijiet saret fuq il-bażi ta' l-artikolu 3.2 ta' l-Anness IV tal-ftehim ta' parternarjat ACP-KE f'dak li jirrigwarda l-pajjiżi. Dan l-Artikolu jistipula, għall-pajjiżi ACP, pakkett A maħsub sabiex ikopri l-appoġġ makroekonomiku u l-appoġġ għall-programmi u l-proġetti u kif ukoll pakkett B maħsub sabiex ikopri l-bżonnijiet mhux previsti bħall-ghajjnuna ta' emerġenza, l-inizjattivi tat-tħaffif tad-dejn u l-appoġġ maħsub biex jittaffew l-effetti negattivi ta' l-instabilità fid-dħul mill-esportazzjoni<sup>3</sup>. F'dak li jirrigwarda r-reġjuni, il-preżentazzjoni saret fuq il-bażi tal-programmazzjoni reġjonali kif imsemmija fil-kapitlu 2 tal-Ftehim ta' Parternarjat ACP-KE (programmi indikattivi reġjonali u kooperazzjoni intra ACP).

---

<sup>3</sup> Ir-riżorsi mhux allokati ta' l-EDF preċedenti jinkludu dak li baqa' mill-fond SYSMIN li bid-Deċiżjoni 3/2000 tal-Kumitat ta' l-Ambaxxaturi ACP-KE ġie stabbilit għal 410,926 miljun. Id-Deċiżjoni tal-Kunsill E410/2001 tinkludi dawn ir-riżorsi fil-programmazzjoni tal-pakketti indikattivi nazzjonali (parti B) tal-protokoll finanzjarju tal-ftehim ta' parternarjat ACP-KE.

## **Id-9 EDF**

Il-Ftehim ta' Partenarjat ACP-KE ffirmat fit-23 ta' Ġunju 2000 f'Cotonou mill-Istati Membri tal-Komunità Ewropea u l-Istati ta' l-Afrika, il-Karibew u l-Paċifiku (ACP) daħal fis-seħħ fl-1 ta' April 2003.

Id-deċiżjoni dwar l-assoċjazzjoni tal-pajjiżi u t-territorji ta' barra l-Ewropa (OCTs) mal-Komunità Ewropea (2001/822/KE), adottata fis-27 ta' Novembru 2001 mill-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea (UE) daħlet fis-seħħ fit-2 ta' Diċembru 2001.

Il-Ftehim ta' Cotonou ġie konkluż għal perjodu ta' għoxrin sena bi klawżola ta' reviżjoni kull ħames snin flimkien ma' protokoll finanzjarju għal kull perjodu ta' ħames snin. Id-Deċiżjoni tal-Kunsill ta' l-UE dwar l-assoċjazzjoni ta' l-OCT mal-Komunità Ewropea huwa applikabbli għal għaxar snin.

L-ewwel ħames snin huma għalhekk iffinanzjati mid-**9 EDF**. L-ammont totali tiegħu ġie stabbilit għal EUR 13,800 miljun li minnhom EUR 13,500 miljun huma attribwiti għall-Istati ACP f'konformità ma' l-ewwel Protokoll Finanzjarju inkluż fil-Ftehim ta' Cotonou, EUR 175 miljuni huma allokati għall-OCT (kif stipulat mid-Deċiżjoni tal-Kunsill ta' l-UE dwar l-assoċjazzjoni ta' l-OCT) u EUR 125 miljun riżervati għall-Kummissjoni Ewropea sabiex tkopri l-ispejjeż marbuta ma' l-applikazzjoni tar-riżorsi tad-9 EDF (stipulati mill-Ftehim Intern tad-9 EDF). L-ammont totali ta' l-ewwel Protokoll Finanzjarju, issupplementat bit-trasferiment tal-bilanċi mill-EDF preċedenti, għandu jkopri l-perjodu 2000-2007 (Anness 1 għall-Ftehim ta' Cotonou, §5).

Mill-ammont totali ta' EUR 13,500 miljun riżervati għall-Istati ta' l-ACP, ammont ta' EUR 1,000 miljun ġew rilaxxati għas-snin 2004 u 2005 wara studju mill-Kunsill ta' l-UE, fuq il-bażi ta' proposta tal-Kummissjoni Ewropea :

- EUR 250 miljun ġew rilaxxati fuq il-bażi ta' Deċiżjoni tal-Kunsill Konġunt (01/2004 tas-7 ta' Mejju 2004) u allokati għall-fondi Intra ACP (riżorsi naturali) għall-iffinanzjar ta' l-azzjoni dwar il-*Water Facility*.
- **EUR 18 miljun** ġew rilaxxati fuq il-bażi ta' Deċiżjoni tal-Kunsill (10752/05 tad-19 ta' Lulju 2005) u allokati għall-pakkett ta' appoġġ għall-iżvilupp fit-tul għall-iffinanzjar tal-programm indikattiv nazzjonali ta' Timor tal-Lvant matul il-perjodu 2006-2007.
- **EUR 482 miljun** ġew rilaxxati fuq il-bażi ta' Deċiżjoni tal-Kunsill tal-Ministri (6/2005 tat-22 ta' Novembru 2005) u allokati għall-pakkett ta' appoġġ għall-iżvilupp fit-tul (EUR 352 miljun), għall-appoġġ għall-kooperazzjoni u l-integrazzjoni reġjonali (EUR 48 miljun) u għall-faċilità ta' l-investment (EUR 82 miljun) għall-iffinanzjar ta' l-inizjattiva Ewropea fil-qasam ta' l-enerġija (EUR 220 miljun), il-kontribuzzjonijiet għall-faċilità ta' finanzjament internazzjonali tal-ġestjoni tar-riskji marbuta mal-prodotti bażiċi (EUR 25 miljun), l-adattament għar-regoli l-ġodda sanitarji u fitosanitarji tal-Komunità fil-qasam ta' l-ikel ta' l-annimali u tal-bniedem (EUR 30 miljun), it-tiżni ta' l-Unjoni Afrikana (EUR 50 miljun), kontribuzzjoni għall-inizjattiva aċċellerata "Edukazzjoni għal kulħadd" (EUR 63 miljun), il-ġlieda kontra l-AIDS, il-

Malarja u t-tuberkolożi (EUR 62 miljun) u l-ispejjeż tat-tħaddim tas-CDE/CTA (EUR 32 miljun).

- **EUR 250 miljun** ġew rilaxxati fuq il-bażi ta' Deċiżjoni tal-Kunsill tal-Ministri (7/2005 tat-22 ta' Novembru 2005) u allokati għall-pakkett ta' appoġġ għall-iżvilupp fit-tul (EUR 185 miljun), għall-appoġġ għall-kooperazzjoni u l-integrazzjoni reġjonali (EUR 24 miljun), u għall-faċilità ta' l-investiment (EUR 41 miljun) għall-iffinanzjar ukoll ta' l-azzjoni dwar il-*Water Facility*.

Għalhekk, l-allokkazzjonijiet tad-9 EDF għall-Istati ACP, meta jitqies ir-rilaxx tal-biljun addizzjonali kundizzjonali fuq allokazzjonijiet ġestiti direttament mill-Bank Ewropew għall-Investment (EIB), jistgħu jiġu deskritti kif ġej:

'EUR	<u>Allokkazzjoni tad-9 EDF</u>	<u>Tnaqqis / biljun kundizzjonali</u>	<u>Allokkazzjonijiet mhux miftuħa (ġestjoni EIB)</u>	<u>Tnaqqis / biljun kundizzjonali</u>	<u>Allokkazzjonijiet miftuħa OLAS (ġestjoni KE)</u>
Pakkett għall-iżvilupp fit-tul	10.000.000.000		(186.850.000) (Sussidji għall-interessi)	-690.000.000	9.123.150.000
Pakkett reġjonali	1.300.000.000			731.000.000	2.031.000.000
Faċilità ta' l-investment	2.200.000.000	(122.000.000) <sup>4</sup>	(2.037.000.000)	-41.000.000	
<b>Totali</b>	<b>13.500.000.000</b>	<b>(122.000.000)</b>	<b>(2.222.850.000)</b>	<b>0</b>	<b>11.154.150.000</b>

Il-Pakkett għall-Iżvilupp fit-tul għall-Istati ACP se jkun jikkonsisti f'żewġ elementi :

**Pakkett A** maħsub għall-għajjnuna makroekonomika, għall-politiki settorjali, għall-programmi u l-proġetti ta' appoġġ għall-għajjnuna tal-Komunità, li jikkorrispondu ma' l-allokkazzjoni tal-PIN u ta' l-aġġustament strutturali għall-EDF preċedenti.

Pakkett B maħsub sabiex ikopri l-bżonnijiet mhux previsti bħall-għajjnuna ta' emerġenza, kontribuzzjonijiet għal inizjattivi tat-tħaffif tad-dejn u kif ukoll appoġġ maħsub biex jittaffew l-effetti negattivi ta' l-instabilità fid-dħul mill-esportazzjoni u li, b'mod ġenerali, jikkorrispondu ma' l-allokkazzjonijiet Stabex, Sysmin u Għajjnuna għall-Emerġenzi ta' l-EDF preċedenti.

Għalhekk, l-allokkazzjonijiet OCT tad-9 EDF għall-OCT, meta jitqies ir-rilaxx tad-dotazzjonijiet ġestiti direttament mill-Bank Ewropew għall-Investment (EIB), saru kif ġej :

<sup>4</sup> Fil-qafas tar-rilaxx ta' EUR 1 miljun kundizzjonali, bilanċ ta' EUR 123 miljun ġew rjallokati għall-pakkett reġjonali fi Frar 2006 fuq il-bażi ta' corrigendum nru 1 (bid-data ta' l-1 ta' Frar 2006) għad-Deċiżjonijiet tal-Kunsill tal-Ministri ACP-KE nri 6 u 7 tat-22 ta' Novembru 2005. Dan l-ammont ta' EUR 123 miljun se jiġi kkoreġut ukoll fl-2006 sabiex jinkiseb total ta' EUR 122 miljun li jikkorrispondu ma' ammont li għadu disponibbli fuq il-livell tal-faċilità ta' l-investment wara l-allokkazzjoni inizjali ta' EUR 1 miljun kundizzjonali. Għalhekk, l-ammont finali tal-pakkett reġjonali ġestit mill-Kummissjoni (OLAS) se jkun ta' EUR 2,153.

‘EUR	Allokazzjoni tad-9 EDF	Allokazzjonijiet mhux miftuħa (ġestjoni EIB)	Allokazzjonijiet miftuħa OLAS
	Pakkett għall-Iżvilupp LT	127.100.000	
Riżerva C	17.900.000	(1.000.000) (Sussidji għall-interessi)	16.900.000
Pakkett reġjonali	8.000.000		8.000.000
Pakkett għall-istudji u l-ġhajjnuna teknika	2.000.000		2.000.000
Faċilità ta’ l-investment	20.000.000	(20.000.000)	0
<b>TOTALI</b>	<b>175.000.000</b>	(21.000.000)	154.000.000

Ir-**riżerva C** mhux allokata għall-OCT hija kostitwita sabiex tiffinanzja l-ġhajjnuna umanitarja, ta' l-emerġenzi, għar-refuġjati u għaċ-ċaqliq fid-dħul mill-esportazzjoni u tikkorrispondi mal-pakkett B għall-pajjiżi ACP.

Minbarra dan, f’applikazzjoni tad-Deċiżjoni C(2003)1904 tal-Kummissjoni l-bilanċi kollha ta’ l-EDFs preċedenti għad-data tad-dħul fis-seħħ tal-ftehim ta’ Cotonou, kif ukoll l-ammonti kollha rilaxxati wara dawk id-dati ta’ proġetti li kienu qed jitwettqu fil-qafas ta' l-istess Fondi, ġew trasferiti għad-**9 EDF**. Kull riżorsa trasferita b'dal-mod għad-9 EDF wara li qabel kienet ġiet attribwita għall-programm indikattiv ta' Stat ACP jew ta' reġjun ġiet attribwita għal dak l-istat jew għal dak ir-reġjun. Min-naħa l-oħra, ir-riżorsi mhux allocati ġew trasferiti lejn riżervi li għalihom se ssir programmazzjoni ġdida fil-kuntest tad-9 EDF.

Iċ-ċifri kollha ppreżentati fir-Rapport dwar l-Implimentazzjoni Finanzjarja huma fuq bażi tal-ħlas

It-tabelli fl-anness li jirrigwardaw l-ammonti deċiżi, kuntrattati u mħallsa jsemmu ċifri netti. It-tabella 2.7 biss issemmi separatament iċ-ċifri impenjati u diżimpenjati u l-ammonti mħallsa u rkuprati.

Minħabba xi limitazzjonijiet tekniċi tas-sistema attwali tal-kontabilità, xi rkupri parzjali huma rreġistrati mill-kompjuter daqslikieku kienu ġew irkuprati kompletament. Fil-fatt, ammont ta’ EUR 0.46 miljun (EUR 0.09 miljuni għall-2005) huwa kkunsidrat bħala rkuprat fil-kontijiet tal-ġestjoni. L-ammont li fil-fatt kien inġabar huwa ppreżentat fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji fl-ewwel parti ta' dan id-dokument. Din id-differenza se tisparixxi mill-eżerċizzju ta’ l-2007 ‘il-quddiem, meta s-sistema l-ġdida ta’ kontabilità ABAC tkun operattiva.

**2.1. APPROPRIAZZJONIJIET SAL-31.12.2005**



TABELLA 1.1

**IS-6 EDF**  
**IS-SITWAZZJONI TA' L-APPROPRJAZZJONIJIET (EUR) : 31 TA' DIĊEMBRU 2005**  
**ANALIŻI TAL-FOND SKOND L-ISTRUMENT ( miljuni ta' euro)**

STRUMENT	APPROPRJAZZJONI INIZJALI	ŻIDIET JEW TNAQQIS AKKUMULATI FIR-RIŻORSI FIL- 31 TA' DIĊEMBRU 2004	ŻIDIET JEW TNAQQIS FIR- RIŻORSI MATUL L-2005	APPROPRJAZZJONI ATTWALI
<b>AKP</b>				
<b>Lomé</b>				
Għotjiet	4.362,50	(21,21)	(16,62)	4.324,67
Self speċjali	600,00	(167,07)	(2,44)	430,49
Sussidji għar-rati ta' interess	207,50	(126,08)	(0,02)	81,40
Għajjnuna ta' emerġenza	210,00	(30,61)	0,00	179,39
Għajjnuna għar-refuġjati	80,00	14,77	(0,05)	94,72
Kapital ta' riskju	600,00	(70,30)	0,00	529,70
Stabex	925,00	522,12	0,00	1.447,12
Sysmin	415,00	(276,98)	(4,56)	133,47
Trasferiment ir-4 EDF – is-6	0,00	89,30	(0,15)	89,15
Aġġustament strutturali	0,00	6,00	(0,67)	5,33
Allokazzjoni intra ACP	0,00	10,00		10,00
<b>Riżerva ġenerali</b>	0,00	0,00		0,00
<b>TOTAL AKP</b>	<b>7.400,00</b>	<b>(50,04)</b>	<b>(24,50)</b>	<b>7.325,45</b>
<b>OCT</b>				
Għotjiet	48,50	1,32	(0,06)	49,77
Self speċjali	25,00	(10,02)	0,00	14,98
Sussidji għar-rati ta' interess	2,50	0,10	0,00	2,60
Għajjnuna ta' emerġenza	3,00	(2,49)	0,00	0,51
Għajjnuna għar-refuġjati	1,00	(1,00)	0,00	0,00
Kapital ta' riskju	15,00	(0,38)	0,00	14,62
Stabex	4,00	0,00	0,00	4,00
Sysmin	1,00	0,00	0,00	1,00
Trasferiment ir-4 EDF – is-6	0,00	1,85	(0,00)	1,85
<b>TOTAL OCT</b>	<b>100,00</b>	<b>(10,61)</b>	<b>(0,06)</b>	<b>89,33</b>
<b>TOTAL IS-6 EDF</b>	<b>7.500,00</b>	<b>(60,65)</b>	<b>(24,56)</b>	<b>7.414,78</b>

TABELLA 1.2

IS-6 EDF  
IS-SITWAZZJONI TA' L-APPROPRJAZZJONIJIET (EUR) : 31 TA' DIĊEMBRU 2005  
ANALIŻI TAL-MOVIMENTI MATUL IS-SENA (miljuni ta' euro)

ACP	Lomé										Cotonou	Riżerva Ġenerali	TOTAL AKP
	GĦOTJIET	SELF SPEĊJALI	SUSSIDJI GĦAR-RATI TA' INTERESS	GĦAJNUNA TA' EMERĠENZA	GĦAJNUNA GĦAR-REFUĠJATI	KAPITAL TA' RISKJU	STABEX	SYSMIN	TRASFERIMENT Ir-4 EDF - Is-6 EDF	AĠĠUSTAMENT STRUTTURALI	Intra AKP		
SITWAZZJONI FIL-31.12.2004	4.341,29	432,93	81,42	179,39	94,77	530	1.447,12	138,02	89,30	6,00	10,00	0,00	7.349,96
(1)	(16,62)	(2,44)	(0,02)		(0,05)			(4,56)	(0,15)	(1)			(24,50)
<b>SITWAZZJONI FIL-31.12.2005</b>	<b>4.324,67</b>	<b>430,49</b>	<b>81,40</b>	<b>179,39</b>	<b>94,72</b>	<b>529,70</b>	<b>1.447,12</b>	<b>133,47</b>	<b>89,15</b>	<b>5,33</b>	<b>10,00</b>	<b>0,00</b>	<b>7.325,45</b>

OCT	GĦOTJIET	SELF SPEĊJALI	SUSSIDJI GĦAR-RATI TA' INTERESS	GĦAJNUNA TA' EMERĠENZA	GĦAJNUNA GĦAR-REFUĠJATI	KAPITAL TA' RISKJU	STABEX	SYSMIN	TRASFERIMENT Ir-4 EDF - Is-6 EDF	TOTAL OCT
SITWAZZJONI FIL-31.12.2004	49,82	14,98	2,60	0,51	0	14,62	4,00	1	1,85	89,39
(1)	(0,06)								(0,00)	(0,06)
<b>SITWAZZJONI FIL-31.12.2005</b>	<b>49,77</b>	<b>14,98</b>	<b>2,60</b>	<b>0,51</b>	<b>0</b>	<b>14,62</b>	<b>4,00</b>	<b>1,00</b>	<b>1,85</b>	<b>89,33</b>

(1) Trasferiment għad-9 edf wara d-dħul fis-seħħ tal-Cotonou (deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-16 ta' April 2003)

TABELLA 1.3

**Is-7 EDF**  
**IS-SITWAZZJONI TA' L-APPROPRJAZZJONIJIET (EUR) : 31 TA' DIĊEMBRU 2005**  
**ANALIŻI TAL-FOND SKOND L-ISTRUMENT (miljuni ta' euro)**

STRUMENT	APPROPRJAZZJONI INIZJALI	ŻIDIET JEW TNAQQIS AKKUMULTATI FIR-RIŻORSI FIL- 31 TA' DIĊEMBRU 2004	ŻIDIET JEW TNAQQIS FIR- RIŻORSI MATUL L-2004	APPROPRJAZZJONI ATTWALI
<b>ACP</b>				
<b>Lomé</b>				
Għotjiet	6.215,00	(711,80)	(64,16)	5.439,05
Sussidji għar-rati ta' interess	280,00	(79,85)	0,00	200,15
Għajjnuna ta' emerġenza	250,00	153,35	(0,00)	403,35
Għajjnuna għar-refuġjati	100,00	(15,13)	(0,36)	84,50
Kapital ta' riskju	825,00	(6,90)	(1,25)	816,85
Stabex	1.500,00	196,69	0,00	1.696,69
Sysmin	480,00	(33,71)	(0,19)	446,10
Trasferiment il-5 EDF - is-7 EDF	0,00	339,93	(18,41)	321,52
Aġġustament strutturali	1.150,00	0,48	(1,31)	1.149,17
Pajjiżi f'qar b'dejn għoli	0,00	40,00	0,00	40,00
Allokazzjoni intra ACP	0,00	50,00	0,00	50,00
<b>Riserva ġenerali</b>	0,00	0,00		0,00
<b>TOTAL ACP</b>	<b>10.800,00</b>	<b>(66,93)</b>	<b>(85,68)</b>	<b>10.647,39</b>
Għotjiet	97,50	(10,49)	(0,36)	86,64
Sussidji għar-rati ta' interess	6,00	(1,78)	(0,04)	4,18
Għajjnuna ta' emerġenza	2,50	(0,24)	0,00	2,26
Għajjnuna għar-refuġjati	0,50	(0,21)	0,00	0,29
Kapital ta' riskju	25,00	(2,51)	0,00	22,49
Stabex	6,00	0,00	0,00	6,00
Sysmin	2,50	0,00	0,00	2,50
Trasferiment il-5 EDF - is-7 EDF	0,00	9,84	(0,01)	9,83
<b>TOTAL OCT</b>	<b>140,00</b>	<b>(5,39)</b>	<b>(0,41)</b>	<b>134,20</b>
<b>TOTAL IS7 EDF</b>	<b>10.940,00</b>	<b>(72,32)</b>	<b>(86,09)</b>	<b>10.781,59</b>

TABELLA 1.4

**IS-7 EDF**  
**IS-SITWAZZJONI TA' L-APPROPRJAZZJONIJIET (EUR) : 31 TA' DIĊEMBRU 2005**  
**ANALIŻI TAL-MOVIMENT MATUL IS-SENA ( miljuni ta' euro)**

AKP	Lomé										Cotonou	RIŻERVA ĠENERALI	Total AKP
	GĦOTJIET	SUSSIDJI GĦAR- RATI TA' INTERESS	GĦAJNUNA TA' EMERĠENZA	GĦAJNUNA GĦAR- REFUĠJATI	KAPITAL TA' RISKJU	STABEX	SYSMIN	TRASFERIMENT II-5 EDF - Is-7 EDF	AĠĠUSTAMENT STRUTTURALI	PAJĠZI FQAR B'DEJN GĦOLI	INTRA AKP		
SITWAZZJONI FIL-31.12.2004	5.503,20	200,15	403,35	84,87	818,10	1.696,69	446,29	339,93	1.150,48	40,00	50,00	0,00	10.733,07
(1)	(64,16)	0	(0,00)	(0,36)	(1,25)	0,00	(0,19)	(18,41)	(1,31)	0,00	0,00	0,00	(85,68)
<b>SITWAZZJONI FIL-31.12.2004</b>	<b>5.439,0</b>	<b>200,2</b>	<b>403,3</b>	<b>84,5</b>	<b>816,8</b>	<b>1.696,7</b>	<b>446,1</b>	<b>321,5</b>	<b>1.149,2</b>	<b>40,0</b>	<b>50,0</b>	<b>0,00</b>	<b>10.647,39</b>

OCT	GĦOTJIET	SUSSIDJI GĦAR- RATI TA' INTERESS	GĦAJNUNA TA' EMERĠENZA	GĦAJNUNA GĦAR- REFUĠJATI	KAPITAL TA' RISKJU	STABEX	SYSMIN	TRASFERIMENT II-5 EDF - Is-7 EDF	TOTAL OCT
SITWAZZJONI FIL-31.12.2004	87,01	4,22	2,26	0,29	22,49	6,00	2,50	9,84	134,61
(1)	(0,36)	(0,04)	0,00	0,00	0,00			(0,01)	(0,41)
<b>SITWAZZJONI FIL-31.12.2004</b>	<b>86,64</b>	<b>4,18</b>	<b>2,26</b>	<b>0,29</b>	<b>22,49</b>	<b>6,00</b>	<b>2,50</b>	<b>9,83</b>	<b>134,20</b>

(1) Trasferiment għad-9 edf wara d-dħul fis-seħħ tal-Cotonou ( deċiżjoni tal-kummissjoni tas-16 ta' April 2003)

TABELLA 1.5

**IT-8 EDF**  
**IS-SITWAZZJONI TA' L-APPROPRJAZZJONIJIET (EUR) : 31 TA' DIĊEMBRU 2005**  
**ANALIŻI TAL-FOND SKOND L-ISTRUMENT (miljuni ta' euro)**

STRUMENT	APPROPRJAZZJONI INIZJALI	ŻIDIET JEW TNAQQIS AKKUMULATI FIR-RIŻORSI FIL- 31 TA' DIĊEMBRU 2004	ŻIDIET JEW TNAQQIS FIR- RIŻORSI MATUL L-2005	APPROPRJAZZJONI ATTWALI
<b>AKP</b>				
<u>Lomé</u>				
Għotjiet	7.562,00	(1.811,05)	(186,07)	5.564,88
Sussidji għar-rati ta' interess	370,00	(264,96)	(3,60)	101,45
Għajjnuna ta' emerġenza	140,00	(1,47)	(1,12)	137,41
Għajjnuna għar-refuġjati	120,00	(1,46)	(1,30)	117,24
Kapital ta' riskju	1.000,00	172,46	(21,98)	1.150,48
Stabex	1.800,00	(1.101,79)	8,84	707,04
Sysmin	575,00	(462,16)	(1,10)	111,74
Aġġustament strutturali	1.400,00	190,14	(16,81)	1.573,33
Pajjiżi f'qar b'dejn għoli	0,00	1.060,00	0,00	1.060,00
Użu tad-dħul mill-interessi	0,00	38,15	0,00	38,15
<u>Cotonou</u>				
Pakkett A	0,00	490,68	(48,59)	442,09
Pakkett B	0,00	255,00	0,00	255,00
Reġjonali	0,00	0,00	0,00	0,00
<b>TOTAL AKP</b>	<b>12.967,00</b>	<b>(1.436,47)</b>	<b>(271,74)</b>	<b>11.258,80</b>
<b>OCT</b>				
Għotjiet	115,00	(68,22)	(1,31)	45,47
Sussidji għar-rati ta' interess	8,50	(7,36)	0,00	1,14
Għajjnuna ta' emerġenza	3,00	(3,00)	0,00	0,00
Għajjnuna għar-refuġjati	0,50	(0,50)	0,00	0,00
Kapital ta' riskjul	30,00	(21,50)	(2,00)	6,50
Stabex	5,50	(4,32)	0,00	1,18
Sysmin	2,50	0,00	0,00	2,50
<b>TOTAL OCT</b>	<b>165,00</b>	<b>(104,89)</b>	<b>(3,31)</b>	<b>56,79</b>
<b>TOTAL it-8 EDF</b>	<b>13.132,00</b>	<b>(1.541,36)</b>	<b>(275,05)</b>	<b>11.315,59</b>

TABELLA 1.6

**IT-8 EDF**  
**IS-SITWAZZJONI TA' L-APPROPRJAZZJONIJET (EUR) : 31 TA' DIĊEMBRU 2005**  
**ANALIŻI TAL-MOVIMENT MATUL IS-SENA ( miljuni ta' euro)**

AKP	Lomé										Cotonou			TOTAL AKP
	GHOTJJET	SUSSIDJI GħAR-RATI TA' INTERESS	GħAJNUNA TA' EMERĠENZA	GħAJNUNA GħAR-REFUĠJATI	KAPITAL TA' RISKJU	STABEX	SYSMIN	AĠĠUSTAMENT STRUTTURALI	PAJĠIŻI FQAR B'DEJN GħOLI	UŻU TAD-DRUL MILL-INTERESSI	Pakkett A	Pakkett B	Reġjonali	
SITWAZZJONI FIL-31.12.2004	5.750,95	105,04	138,53	118,54	1.172,46	698,21	112,84	1.590,14	1.060,00	38,15	490,68	255,00	0,00	11.530,53
(1)	(186,07)	(3,60)	(1,12)	(1,30)	(21,98)		(1,10)	(16,81)	0,00	0,00	(48,59)	0,00	0,00	(280,57)
(2)						8,84								8,84
